MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 1015/2011

**Edmond Refalo ID. 539847M u Josephine Refalo ID. 4148(G)**

**Vs**

**Enemalta plc.**
**(C65836)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta' Dicembru, 2011 fejn l-attur talab peress illi l-atturi huma utenti tas-servizz tad-dawl tal-Korporazzjoni Enemalta.

Peress l-korporazzjoni konvenuta ghamlet xoghlijietfil-fond tal-atturi konsistenti fit-tibdil tal-meter tal-eletriku ghal wiehed Smart Meter.

Peress ili dan il-meter, Smart Meter, gie installat gewwa l-garage propjeta' tal-atturi.

Peress illi nhar l-24 ta' Marzu, 2011, sehh incendju fil-garage propjeta' tal-atturi bil-konsegwenza li l-propjeta' tal-atturi garrbet hsarat.

Peress illi l-incendju beda' minn difett fl-imsemmi Smart Meter installat mill-korporazzjoni konvenuta u ghalhekk il-korporazzjoni konvenuta hija responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi.

Peress illi l-korporazzjoni EneMalta giet interpellata biex tersaq ghall-likwidazjzoni ta' danni izda din baqghet inadempjanti.

Ghaldaqstant, l-atturi jitolbu li dan it-Tribunal jiddikjara lill-Korporazzjoni EneMalta responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi liema danni jammontaw ghal tliet elef erba' mija u erbgha u disghin ewro (€3,494.00) jew somma verjuri liema ammont ghandu jithallas mill-Korporazzjoni EneMalta.

Bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjez kollha kontra l-korporazzjoni EneMalta, bl-ingunzjoni tal-Korporazzjoni in subizzjoni.

Il-Korporazzjoni konvenuta resqet l-eccezzjoni taghha permezz tar-risposta pprezentata fit-23 ta' Dicembru, 2011 fejn eccepiet illi d-domandi tal-atturi huma infondati fl-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante illi ghall-hsara in kwistjoni l-Korporazzjoni konvenuta ma kellha l-ebda htija.

Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Fl-istess waqt ghamlet kontro talba ghall-ammont ta' tliet mija sitta u erbghin ewro (€346) fejn talbet illi l-atturi ghandhom jhallsu lill-korporazzjoni konvenuta s-somma ta' tliet mija u sitta u erbghin ewro (€346) rapprezentanti spejjeaz ghall-investigazzjoni u rapport bil-miktub ta' espert dwar il-hsara f'105, Triq San Tumas Fgura, fl-24 ta' MArzu, 2011.

Blispejjez u bl-imghaxijiet legali dekorribli mid-data tal-hsara u bl-ingunzjoni tal-attur in subizzjoni.

L-attur ipprezenta risposta ghal kontro talba fejn ecepixxa illi ebda ammont mitlub mill-korporazzjoni Enemalta ma hu dovut u dan peress li tali xoghlijiet u servizzi saru minnhabba htijiet inespetabbli lil EneMalta u ma sarux fuq ordni tal-konjugi Refalo izda b'rizultat tal-incident mertu tal-kawza li ghalih hija responsabbli l-korporazzjoni Enemalta illi fit-12 ta' Settembru, 2014 giet ipprezentata nota li permezz taghha is-socjeta' Enemalta plc assumiet l-atti ta' dina l-kawza minflok il-Korporazzjoni Enemalta.

Xehdet Josephine Refalo permezz ta' affidavit fejn spjegat illi f'Marzu 2011 l-EneMalta bdiet tibdel il-meters tad-dawl. Wara li tlett gimghat illi nbidlilhom ilmeter semghu hoss u meta marru fil-garaxx kien hemm hafna nar hiereg minn mal-meter. Wara li mexxew il-karozza lura ghax kienet vicin hafna tan-nar, irnexxilhom jifthu l-bieb tal-garaxx u tfew in-nar permezz ta' fire extinguisher. Konsegwenza ta' dan il-hruq il-familja spiccat belghet id-duhhan kellha hruq u spiccaw bla dawl.

Wara dan l-incident l-EneMalta bdiet tibdel il-wires ta' barra anki tal-girien peress illi beda jinghad illi kienu irqaq. Wara dan l-incident il-familja talbet kumpess minghandl-EneMalta izda dan gie rifjutat min EneMalta. Xehed Edmond Refalo li kkonferma dak li qalet martu Josephine Refalo. Qal ukoll illi meta fetah il-bieb tal-garage minn barra ma kienx fih nar fuq barra. Qal ukoll illi kien hemm persuna ohra li jaf hu li nharqilha s-salott minhabba hruq fil-meter.

Xehed Patrick Refalo li jigi iben l-attur li qal illi hu ma kienx prezenti meta nqala l-hruq pero' malli wasal id-dar kien hemm rapprezentanti tal-EneMalta. Missieru kien diga 'tthihed l-isptar. Dan ix-xhud staqsa lil tal-EneMalta sabiex jibdlulhom il-meter tad-dawl halli jkollhom id-dawl u qallul illi ma jistghux jibdluh qabel il-familja Refalo ggib electrician biex jghid jekk kienx hemm xi haga difettuza min-naha tad-dawl tal-familja Refalo. dan filfatt gie stabbilit minn electrician Mario Debono. Pero qabel kieni jafu bl-ezitu ta' dan l-electrician ta' l-EneMalta qabdu u biddlu l-meter flimkien mal-wires kemm tal-familja Refalo kif ukoll tal-girien.

Xehed Saviour Mizzi li joqghod fil-vicinati tal-attur. Dan ix-xhud kellu spluzjoni fid-dar tieghu u dan wara li kien tqaccat il-main minn mal-fuse box tal-

EneMalta u beda jaqbad. Fil-kaz ta' dan ix-xhud l-enginier tal-EneMalta kien qallu li l-hsara saret ta' nuqqas tal-EneMalta.

Xehed Eric Montfort li gie mitlub jghati nformazzjoni dwar il-ersuna li mar fuq il-post li filfatt irrizulta li kien l-jointer Brian Saliba. Mar ukoll Robert Dimech kien mar ukoll distribution manager Victor Cini.

Xehed l-Ingineer George Portelli li huwa l-manager fuq id-distribution li spjega illi l-meters bdew jinbidlu ghal smart meters. Dan ma jsirx billi jinghazlu d-djar izda tinqabad area u jibdew jibdlu l-meters ta' dik l-area. L-affarijiet li nbidlu fid-dar tal-attur wara l-hruq kellhom jigu mibdulha minhabba l-hruq inklux il-cable. Fuq mistoqsija dan ix-xhud xehed illi l-cable l-gdid tpogga tal-istess hxuna.

Xehed Mario Debono l-electrician tal-attur. Qal illi l-problema ma kienetx gewwa fir-residenza tal-attur ghaliex kieku l-ewwel kienet tmur is-salva vita. Il-problema kienet gejja minn barra li setghet kienet loose wire fil-meter.

Xehed Brian Saliba li l-karigu tieghu fi hdan il-Korporazzjoni konvenuta hija dik ta' senior distributor tradesman. Qal illi hu ma kienx xoghol dakinhar izda mar jara x'gara u cempel lil Enemalta biex jghatuh permess jaqla l-fuse. Meta qalet l-fuse dan kien ghadu mhux mahruq.

Xehed Robert Dimech prodott mill-korporazzjoni konvenuta li qal illi setgha gara li l-hruq kien minn barra tal-meter ghal gewwa mhux minn gewwa ghal barra.

Xhud importani kien l-espert Profs. Vella li tqabbad bhala espert mill-Korporazzjoni konvenuta. Profs. Vella spjega fid-dettal dak li setgha jikkonstata u fi ftit kliem kien jidher car illi peress illi l-meter kien ghadu ntatt minn gewwa allura kien jidher illi n-nar beda fuq barra u haraq lil meter u mhux il-meter qabbad in-nar.

It-Tribunal wara li semgha x-xhieda u  ra d-dokumenti 'pprezentati kif ukoll semgha lil espert imqabbad mill-korporazzjoni konvenuta l-Profs. Vella jiddecidi billi jistrieh fuq il-konkluzzjoni tal-espert tekniku fejn qal illi:

*'Judging from the condition of the electricity meter, and the fire damage observed at the site of the incident, including both the garage door and the adjacent masonry, writer is of the firm opinion that the fire did not originate on the electricity meter itself nor on any of the electrical components related to the meter. Rather, the electricity meter was likely damaged by a fire which had started on the door of the garage probably by burning liquid fuel which had been spread on the garage door.*

*It appears that part of the liquid had infiltrated from underneath the door into the garage: this liquid, burning underneath the meter caused damage to the electrical apparatus which damage was most severe on the outside parts of the meter.".*

Ghalhekk jichad it-talbiet attrici filwaqt illi fir-rigward tal-kontro talba t-Tribunal huwa tal-fehma illi gialadarba ma gietx stabbilita illi l-attur ikkontribwixxa huwa stess ghaliex fuq il-meter u gialadarba illi l-attur qed jikri tali meter minghand il-korporazzjoni konvenuta allura tali hsara ghandha taghmel tajjeb ghaliha il-korporazzjoni konvenuta bhala sid il-meter. Gialadarba il-motivi tichad ukoll il-kontro talba.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu billi l-attur ihallas zewg kwarti filwaqt illi l-korpoazzjoni EneMalta thallas terz.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------